Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

661

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 23/2024, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Mohamed Ahmed, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mohamed Ahmed (KI 0120673A) ta' 103, Casalan, Triq Grosseto, Birkirkara, fit-8 ta' Jannar, 2024, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998 sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas is-somma ta' €5,747.99 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment imma mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana kontrik permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas il-mittenti javżak li se jgħaddu sabiex jesegwixxu l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tan sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 22nd February, 2024, in the records of the judicial letter number 23/2024 in the names Commissioner for Tax and Customs vs Mohamed Ahmed, the following publication for the purpose of service was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mohamed Ahmed (ID 0120673A) of 103, Casalan, Triq Grosseto, Birkirkara, on the 8th January, 2024, the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, solicits you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this letter you pay the sum of €5,747.99 representing the amount due by you personally as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and interest according to the said Act till the date of effective payment.

This solicitation is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, in order to render the executive title that the Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant warns you, that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to proceed and to regulate yourself.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

662

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) , fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1177/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Carmel Calleja, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmel Calleja a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 20 ta' Mejju, 2021

Lil Carmel Calleja (passaport numru 0067663M) ta' 151, Triq Santu Rokku, Birkirkara, Malta

Permezz tal-preżenti l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, imwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,487.47, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnek lill-mittenti inkonnessjoni mal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni FBB 297.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di più, ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza.

Dan l-att qed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-Ispejjez

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th July, 2021, of the Court of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 1177/2021, in the names Malta Transport Authority vs Carmel Calleja, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmel Calleja in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 20th May, 2021

To Carmel Calleja (passport number 0067663M) of 151, Triq Santu Rokku, Birkirkara, Malta

By the present Malta Transport Authority, hereby established by Article 5 of the Malta Transport Authority Act of the Malta Transport Authority, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, is notifying you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the effects and purposes of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and is soliciting you to pay the amount of €2,487.47, which amount is sure, liquid and due representing the value of the amount due by you to the interpellant in connection with the vehicle with registration number FBB 297.

Despite several interpellations from the interpellant to pay the amount due, you failed to pay by the date of submission of this letter. And also, there is no valid reason for this default.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of Law and in default of payment or opposition on your part in terms of the said Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta the interpellant passes to execute this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

663

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2024, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4454/2023, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Marlene Paris, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

By means of a decree of the 19th February, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4454/2023, in the names Housing Authority vs Marlene Paris, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Illum 20 ta' Ottubru, 2023

Lil Marlene Paris (KI 174468M) ta' Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għall-fond Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien.

L-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellak biex ai termini tal-Artikoli 9(a),(c),(d)(iii) u l-artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta – Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern – inti tiżgombra mill-fond Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien, fi żmien 30 ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, u dan għax:q

qed tokkupa l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

bqajt tokkupa l-fond wara li skada l-kuntratt illi jagħtik titolu validu;

mingħajr preġudizzju għas-su espost mhux qed tagħmel użu mill-fond.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta – Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today 20th October, 2023

To Marlene Paris (ID 174468M) of Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you for the premises Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien, administered by the interpellant.

The Housing Authority by means of this letter solicits you so that in terms of Article 9 (a), (c), (d)(iii) and the subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta – Government Lands Act – you are ordered to vacate the premises Binja Zifla, Ent. A, Flat 3, Triq il-Madonna tar-Rużarju, Ħal Tarxien, within 30 days from the service of this judicial letter and this because you:

are occupying the premises without any valid title at law

continued occupying the premises after the expiry of the contract that gave you a valid title;

without prejudice to the above, you are not making use of this same premises.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of Cap. 573 of the Laws of Malta – Government Lands Act.

So much so that you know how to proceed

With costs and interest

Registry of the Superior Courts today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

664

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-11 ta' Awwissu, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 308/2022 fl-ismijiet Alexander Agius et vs Hermione Bugeja, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' Jannar, 2022

Lil Hermione Bugeja xebba Borg (KI 161177M) ta' 43, Wind Chimes, Triq il-Karmelitani, Santa Venera

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 11th August, 2023, in the records of the judicial letter number 308/2022, in the names Alexander Agius et vs Hermione Bugeja, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th January, 2022

To Hermione Bugeja née Borg (ID 161177M) of 43, Wind Chimes, Triq il-Karmelitani, Santa Venera

Permezz tal-preżenti Alexander Agius (KI 0081573M) u martu Natalina sive Natalie Agius (KI 8973M) u Francis Agius (KI 726647M) ta' 16, The Gables, Triq il-Buganvilla, Is-Swieqi, filwaqt li jagħmlu riferenza għaż-żmien li matulu kienet veljanti u eżistenti l-komunjoni tal-akkwisti bejnek u bejn Jean Claude Bugeja, kif ukoll għall-investimenti minnhom magħmula mas-soċjetà Maltese Cross Company Limited u t-tmexxija ta' dik l-istess soċjetà minn Jean Claude Bugeja, qegħdin jinterpellawk sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' kull ħsara u telf imġarrba minnhom b'konsegwenza tal-istess tmexxija tas-soċjetà preċitata u li inti obbligatu għalih ukoll in virtù tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet fis-seħħ bejnek u bejn l-istess Jean Claude Bugeja.

Din l-ittra uffiċjali qed issir għal finijiet u effetti kollha tal-liġi, inkluż dawk maħsuba mill-artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili.

Tant biex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali

Reġistru Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of this present Alexander Agius (ID 0081573M) and his wife Natalina sive Natalie Agius (ID 8973M) and Francis Agius (ID 726647M) of 16, The Gables, Triq il-Buganvilla, Swieqi, whilst referring to the time during which the community of acquests between you and Jean Claude Bugeja existed, as well as to the investments made by them with the Maltese Cross Company Limited and the management of that same company by Jean Claude Bugeja, they are soliciting you to come forward for the liquidation and payment of any damages and losses suffered by them as a consequence of the same management of the said company and for which you bound him also by virtue of the community of acquests which was in force between you and the same Jean Claude Bugeja.

This judicial letter is being made for all intents and purposes of law, including those contemplated by Article 2128 of the Civil Code.

So much so that you may know how to proceed

With costs and legal interest

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

665

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Frar, 2024, mill-Qorti Civili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4967/2023, fl-ismijiet l-Av. Christian Farrugia et vs D. A. Holdings Limited, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' D. A. Holdings Limited a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' Novembru, 2023

Lil D. A. Holdings Ltd ta' The Sales Shop, 114, St Joseph High Road, Il-Ħamrun

Permezz tal-preżenti, l-Avukat Dott. Christian Farrugia (KI 441363M), l-Avukat Dott. Damien Degiorgio (KI 103075M) u l-Avukat Dott. Denia Ellul (KI 20491M) għan-nom tad-ditta legali Fenech Farrugia Fiott Legal, filwaqt li jagħmlu referenza għall-ittra ufficjali bin-numru 36/2022 datat 6 ta' Jannar, 2022, ġja mibgħuta lilek, liema ittra tirreferi għas-servizz legali reżi lilek, qegħdin jinterpellawk sabiex fi żmien tlett ijiem min-notifika tal-preżenti tersaq għall-ħlas tas-somma ta' €26,845 rappreżentanti drittijiet, spejjeż u ammonti kollha dovuti lilhom inkonnessjoni mas-servizzi reżi lilek kif jirriżulta mill-anness rendikont immarkat bħala Dok. A u kif ammess minnek stess.

By means of a decree of the 29th February, 2024, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4967/2023, in the names Advocate Dr Christian Farrugia et noe vs D. A. Holdings Ltd, the following publication for the purpose of service on the respondent D. A. Holdings Ltd was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 21st November, 2023

To D. A. Holdings Ltd of The Sale Shop, 114, St Joseph High Road, Ħamrun

By the present Advocate Dr Christian Farrugia (ID 441363M), Advocate Dr Damien Degiorgio (ID 103075M) and Advocate Dr Denia Ellul (ID 20491M) for and behalf of the legal firm Fenech Farrugia Fiott Legal, whilst referring to the judicial letter number 36/2022 dated 6th January, 2022, already send to you, which letter refers to the legal service rendered to you, they are soliciting you so that within three days from the service of the present you come forward for the payment of the sum of €26,845 representing all the fees, expenses and amounts due to them in connection with the services rendered to you as results from the attached statement marked as Doc. A and as admitted by you.

Fin-nuqqas li tersaq għall-ħlas riferit, il-mittenti mhux se jifdallhom triq oħra għajr li jieħdu passi ulterjuri fil-konfront tagħkom inkluż il-ħruġ tal-mandati kollha meqjusa opportuni fiċ-ċirkustanzi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

If you fail to come forward for the payment referred to, the interpellants shall have no alternative but to take further action against you including the issuing of all the warrants deemed opportune in the circumstances.

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

666

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' APS Bank plc (C 2192) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2024, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Id-dar bin-numru uffiċjali tnax (12) bl-isem ta' 'Sueno' ġja 'Saint Anne' fi Triq Espedito Catania qabel magħrufa bħala Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, bl-arja tagħha, inkluż il-garaxx anness bin-numru uffiċjali erbatax (14) fl-istess triq u jifforma parti integrali mill-istess dar, skont il-kuntratt ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dr Jonathan Zammit fit-tlieta u għoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (23.7.2012), liberi u franki u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom, inkluż il-front garden (patio) u l-bitħa ta' wara, u jikkonfina mil-Lvant ma' proprjetà ta' Antonio Scicluna, mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Felice Apap Bologna jew mis-suċċessuri fit-titlu tiegħu, min-Nofsinhar ma' Triq Espedito Catania jew konfini aktar korretti u stmati li jiswew ħames mija u ħamsa u erbgħin elf ewro (€545,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Buhagiar David Nicholas (KI 13895M) u Buhagiar Maria (KI 528577M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 44/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 15th March, 2024, on the application of APS Bank plc (C2192), Thursday, 10th October, 2024, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The house with official number twelve (12) named 'Sueno' previously 'Saint Anne' in Triq Espedito Catania previously known as Triq l-Għobbejra, Ħaż-Żabbar, with its own airspace, including the annexed garage with official number fourteen (14) in the same street and which forms an integral part of the said house, as described in the contract of sale published by Notary Doctor Jonathan Zammit dated twenty third July of the year two thousand and twelve (23.7.2012), free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, including the front garden (patio) and the back yard, and is bounded together on the east by property of Antonio Scicluna, on the north by property of Felice Apap Bologna or their respective successors in title, and on the south by Triq Espedito Catania or more accurate boundaries and is valued at five hundred and forty five thousand euro (€545,000).

The said tenement is the property of Buhagiar David Nicholas (ID 13895M) and Buhagiar Maria (ID 528577M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 44/2022.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 18th March, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

667

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-15 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' Bank of Valletta plc (C2833) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 9 ta' Lulju, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 15th March, 2024, on the application of Bank of Valletta p.l.c (C2833), Tuesday, 9th July, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Il-garaxx mingħajr l-isem u mingħajr numru uffiċjali, internament immarkat numru erbatax (14), aċċessibbli minn rampa komuni li sservi bħala daħla għal diversi garaxxijiet simili għal xulxin illi huma sottoposti għal blokka residenzjali, mingħajr isem u mingħajr numru li tagħti għal Triq Clare E. Engel, f'Ta' Giorni, limiti ta' San Ġiljan, liema garaxx jifforma parti minn kumpless ta' garaxxijiet mingħajr l-arja tiegħu, kif suġġett għar-rata tiegħu taċ-ċens oriġinali annwu u perpetwu ta' ħames ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€5.83), bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, konfinanti mit-Tramuntana ma' passaġġ privat, mill-Punent ma' proprjetà ta' Philip Micallef u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Frank Fenech u oħrajn, waqt li l-kumpless kollu jikkonfina min-Nofsinhar mat-triq, mil-Lvant ma' proprjetà ta' ċertu Coppini u mil-Punent ma' proprjetà ta' Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

Dan il-garaxx għandu d-dritt ta' aċċess bħala servitù attiv favur tiegħu tar-rampa u passaġġ privat li jipprovdu aċċess għall-istess garaxx, liema rampa u passaġġ ma għandhom jiġu qatt ingombrati bil-parkeġġ ta' karozzi u/jew oġġetti oħra, bi kwalsijasi mod u fi kwalsijasi ħin. Il-garaxx jista' jiġi użat esklussivament bħala garaxx privat għall-karozza u ma jista' jiġi qatt użat għal skopijiet kummerċjali u l-kompratur huwa obbligat li jikkontribwixxi s-sehem proporzjonali tiegħu għal manutenzjoni u riparazzjoni ta' tali rampa u passaġġ privat, kif ukoll għal konsum tal-elettriku li hemm installat fihom u l-ħlas tal-kera tal-meters relattivi, u dan flimkien mal-garaxxijiet l-oħra f'dan il-korp, mill-bqija liberu u frank, skont kif deskritt fl-atti tan-Nutar John Gambin datat id-disgħa ta' Marzu, tas-sena elf, disa' mija, u tnejn u disgħin (9.3.1992) u stmat li jiswa ħamsin elf ewro (€50,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mifsud David (KI 170869M) u Hurst ġja Mifsud Josephine (KI 166370M) ġja (KI 8223A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 5/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The garage without name and without official number, internally marked number fourteen (14), accessible from a common ramp that serves as an entrance to several garages similar to each other, underlying a residential block, without name and without number that abuts onto Triq Clare E. Engel in Ta' Giorni, limits of St Julian's, which garage forms part of a complex of garages, without its airspace, as subject to its rate of the original annual and perpetual groundrent of five euro and eighty three cent (€5.83), with all its rights and appurtenances, bounded north with a private passage, west with property of Philip Micallef and east with property of Frank Fenech and others while the whole complex is bounded south with the street, east with property of Coppini, and west with property of Rite Mix (Gatt Bros.) Limited.

This garage has an active servitude in its favour of access right consisting from a ramp and a private passage which provides access to the same garage, which ramp and passage shall never be encumbered by car parking and/or other objects, in any way or at any time. The garage may be used exclusively as a private car garage and shall never be used for commercial purposes and the buyer is obliged to contribute his proportionate share for maintenance and repairs of said ramp and private passage, as well as to the consumption of electricity installed in them and payments of relative meters rent, and this together with the other garages in this complex, otherwise free and unencumbered, as described in the acts of Notary John Gambin dated ninth of March, of the year nineteen hundred and ninety two (9.3.1992), and is valued at fifty thousand euro (€50,000).

The said tenement is the property of Mifsud David (ID 170869M) and Hurst previously Mifsud Josephine (ID 166370M) previously (ID 8223A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 5/2020.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 18th March, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

668

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-27 ta' Novembru, 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1165/2023FDP, li ġie ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2023, fl-ismijiet: Grech Anthony et vs Naudi Silvio, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-atturi

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 27th November, 2023, in the records of Sworn Application number 1165/2023FDP, which was filed on the 10th October, 2023, in the names: Grech Anthony et vs Naudi Silvio, the following publication was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the

is-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u tlieta u disgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€19,893.74ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' April, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Naudi Silvio, 44, Marcus Court, Flat 2, Triq San Luqa, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

respondent to pay the plaintiffs the sum of nineteen thousand eight hundred and ninety three euros and seventy four cents (€19,893.74c). With all costs and legal interest against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 16th April, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Naudi Silvio, 44, Marcus Court, Flat 2, Triq San Luqa, St Paul's Bay

Registry of the Superior Courts, today, 15th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

669

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 795/2023DC, li ġie ppreżentat fl-24 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet: Diacono Maria et vs Grech David et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lir-Reġistratur tal-Artijiet iħassar kull reġistrazzjoni li tinstab li hija inkompatibbli ma dak deċiż skont it-talbiet preċedenti. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Mejju, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Grech David u Grech Joseph, City Motors Showroom, Utopia Flats, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th February, 2024, in the records of Sworn Application number 795/2023DC, which was filed on the 24th July, 2023, in the names: Diacono Maria et vs Grech David et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the Land Registrar to cancel any registration found to be incompatible with that decided in accordance with the previous request. With costs against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 6th May, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Grech David and Grech Joseph, City Motors Showroom, Utopia Flats, Msida Valley Road, Msida

Registry of the Superior Courts, today 22nd February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

670

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxal tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fl-20 ta' Settembru, 2023, fuq talba ta' Nozipho Oor ġie ordnat sabiex jintgħażlu

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 20th September, 2023, following a request of Nozipho Oor it

kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Sandile Magopeni, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 218/2023JPG, fl-ismijiet Nozipho Oor vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fid-19 ta' Settembru, 2023, fl-ismijiet Nozipho Oor (KI 311304A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Sandile Magopeni (KI 0344794A), fejn ir-rikorrenti Nozipho Oor (KI 311304A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna li l-esponenti omm tiġi fdata bil-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri … omissis … ad esklużjoni tal-intimat;

2. Tawtorizza lill-esponenti tieħu d-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri … omissis …, inkluż dawk ta' saħħa u edukazzjoni, kif ukoll tapplika u tottjeni waħedha l-ħruġ u/jew l-estensjoni (skont il-każ) ta' passaport tal-imsemmi minuri, mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-intimat;

3. Tiddikjara li l-istess minuri … omissis … għandu jgħix u jkollu r-residenza ordinarja tiegħu mal-esponenti;

4. Tordna lill-intimat sabiex imantni lill-minuri … omissis … u għal dan l-iskop tiffissa retta aliminetarja u tordna lill-intimat sabiex iħallas dik ir-retta alimentarja hekk stabbilita, liema retta alimentarja għandha tinkludi l-ispejjeż tas-saħħa, edukazzjoni u l-ispejjeż relatati mal-attivitajiet ekstrakurrikulari u dan b'dawk il-modalitajiet kollha inkluż li l-pagament isir permezz ta' standing order li l-intimat għandu jiġi ordnat li jagħmel a favur l-esponenti, kif ukoll li din ir-retta alimentarja tiġi inkrimentata perjodikament sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-oħra kollha opportuni li din l-Onorabbli Qorti fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha li jkunu hekk meħtieġa għat-twettiq sħiħ u sewwa ta' dan il-ġudizzju.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-proċeduri kollha inkorsi mill-esponenti, u bl-interessi legali skont il-liġi kontra l-intimat, li hu minn issa inġunt in subizzjoni.

Rikorrenti: 17, Expomax, Block A, Triq Mons. Innocenz Zammit, L-Imsida

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt

was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Sandile Magopeni, in the records of the Sworn Application 218/2023JPG, in the names Nozipho Oor vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the Civil Court (Family Section), in the names Nozipho Oor (ID 311304A) vs Deputy Curators to represent the absentee Sandile Magopeni (ID 0344794A), on the 19th September, 2023, the applicant Nozipho Oor (ID 311304A) requested this Honourable Court so that it:

1. Order that the applicant mother be entrusted with the exclusive care and custody of the minor … omissis … to the exclusion of the respondent;

2. Authorise the applicant to take all decisions regarding the minor … omissis …, including those of health and education, as well as to apply and obtain alone the issue and/or extension (as the case may be) of the passport of the said minor, without the necessity of the signature of the respondent;

3. Declare that the same minor … omissis … should live and have his ordinary residence with the applicant;

4. Order the respondent to maintain the minor … omissis … and for this purpose fix an adequate maintenance and order the respondent to pay the adequate maintenance so established, which adequate maintenance shall include the health, education and expenses related to the extra-curricular activities and this in all those modalities including that the payment be made by means of a standing order which the respondent shall be ordered to make in favour of the applicant, as well as that this adequate maintenance is periodically incremented to compensate for the cost of living;

5. Give all those other opportune provisions and orders that this Honourable Court in its discretion deems necessary for the full and proper execution of this judgement.

With costs including those of all procedures incurred by the applicant, and legal interest according to law against the respondent, who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 17, Expomax, Block A, Triq Mons, Innocenz Zammit, Msida

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before

ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 26 ta' Settembru, 2023

Reġistru tal-Qorti (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section), above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD ,Doctor of Laws.

Today 26th September, 2023

Registry of the Civil Court (Family Section), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

671

ARB/C096/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2024, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARY-LOUISE ATTARD née TONNA, diżokkupata, ta' 47 sena, bint il-mejjet Emanuel Tonna u Maria Carmela Tonna xebba Xerri, imwielda Tal-Pietà, Malta, fil-25 ta' Jannar, 1977, residenti f'156, Triq Ġużè Ellul Mercer, is-Swatar, L-Imsida, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 142677M.

U

ONE TELECOM LIMITED, inkorporata fit-8 ta' Jannar, 2008, bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C43281 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Ramla Bay Court, Flat 21, Triq Ta' Gajdoru, Ix-Xagħra

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati MARY-LOUISE ATTARD née TONNA u ONE TELECOM LIMITED sabiex jeffettwaw it-tiswijiet meħtieġa fuq il-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti ddatat 26 ta' Frar, 2024, u li hija rreġistrata f'isem is-soċjetà imputata ONE TELECOM LIMITED fl-ammont ta' sebat elef, tmien mija u ħamsin ewro (€7,850).

ARB/C096/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 26th February, 2024, given by the Criminal Court (Hon. Madam Justice Dr Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

MARY-LOUISE ATTARD née TONNA, unemployed, 47 years, daughter of the late Emanuel Tonna and Maria Carmela Tonna née Xerri, born in Tal-Pietà, Malta, on the 25th January, 1977, residing at 156, Triq Ġużè Ellul Mercer, Swatar, Msida, and holder of Maltese identity card bearing number 142677M.

AND

ONE TELECOM LIMITED, incorporated on the 8th January, 2008, with Maltese registration number C43281 and registered address at Ramla Bay Court, Flat 21, Triq Ta' Gajdoru, Xagħra

The Court AUTHORISES the accused MARY-LOUISE ATTARD née TONNA and ONE TELECOM LIMITED to effect the necessary repairs to the vehicle mentioned in the Court decree dated 26th February, 2024 which is registered in the name of the accused ONE TELECOM LIMITED in the amount of seven thousand, eight hundred and fifty euro

Illi dan l-ammont għandu jitħallas lil Muscat Motors Ltd mill-kont tal-bank intestat f'isem l-imputata MARY-LOUISE ATTARD née TONNA li jispiċċa -9001 u miżmum mal-HSBC Bank Malta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech, LLD) fl-20 ta' Diċembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MARY-LOUISE ATTARD née TONNA u ONE TELECOM LIMITED.

Illum, 20 ta' Marzu, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

(€7,850). That this amount shall be paid to Muscat Motors Ltd from the bank account listed in the name of the accused MARY-LOUISE ATTARD née TONNA ending in -9001 and held at HSBC Bank Malta plc.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Article 36 (4) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech, LLD) on the 20th December, 2021, which was published in the Government Gazette on the 24th December, 2021, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MARY-LOUISE ATTARD née TONNA and ONE TELECOM LIMITED.

Today, 20th March, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

672

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1716/2022, fl-ismijiet Argus Insurance Company (Europe) Limited et vs Ivaylo Vesselinov et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ivaylo Vesselinov, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Ivaylo Vesselinov (KI 0027411A) ta' Silverstone Court, Flat 6, Triq l-Iskuna, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u Elmo Insurance Limited, fit-12 ta' Lulju, 2022, Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) ta' Suite 5, Floor 1, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Is-Swatar, Birkirkara BKR 4013, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha John Bonello (KI 0090457M) ta' 3, Triq F. Caruana Dingli, Ħaż-Żebbuġ, sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess John Bonello, jirreferuk għall-inċident stradali li seħħ fl-10 ta' Diċembru 2021 fi Triq Mikielanġ Sapiano, Ħaż-Żebbuġ, bejn il-vettura bin-numru DBP 084 misjuqa minn Ivaylo Vesselinov, liema vettura hija koperta b'polza ta' assigurazzjoni ma' Elmo Insurance Ltd u l-vettura bin-numru HBA 525 misjuqa minn u proprjetà tal-assigurat John Bonello (Kopja tar-rapport tal-wardens hawn annessa u mmarkata Dok. A).

Dan l-imsemmi inċident seħħ unikament tort ta' Ivaylo Vesselinov, minħabba negliġenza, imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tiegħu.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 29th February, 2024, in the records of the judicial letter number 1716/2022, in the names Argus Insurance Company (Europe) Limited vs Ivaylo Vesselinov et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Ivaylo Vesselinov, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Ivaylo Vesselinov (ID 0027411A) ta' Silverstone Court, Flat 6, Triq l-Iskuna, Buġibba, St Paul's Bay, u Elmo Insurance Limited, on the 12th July, 2022, Argus Insurance Company (Europe) Limited (OC1216) of Suite 5, Floor 1, Tower Business Centre, Triq it-Torri, Swatar, Birkirkara BKR 4013, as subrogated in the rights of its insured John Bonello (ID 0090457M) of 3, Triq F. Caruana Dingli, Ħaż-Żebbuġ, by policy and at law and the same John Bonello, refer you to the car accident that occurred on the 10th December 2021 in the Triq Mikielanġ Sapiano, Ħaż-Żebbuġ, between the vehicle with number DBP 084 driven by Ivaylo Vesselinov, which vehicle is covered by an insurance policy issued by Elmo Insurance Ltd and the vehicle with number HBA 525 driven and property of the insured John Bonello. A copy of the warden resport is here attached and marked as Doc. A.

The accident was caused solely as a result of Ivaylo Vesselinov's fault, due to negligence, incompetence, carelessness and failure to observe traffic regulations on his part.

Għalhekk permezz ta' din l-ittra, il-mittenti jinterpellawkom sabiex fi żmien mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data ta' din l-ittra, tersqu għall-ħlas tad-danni kollha sofferti b'riżultat tal-inċident de quo fl-ammont totali ta' €428.01. Fin-nuqqas li tagħmlu dan, kunu avżati li se jittieħdu proceduri ulterjuri bil-Qorti kontra tagħkom, mingħajr preavviż ieħor.

Din l-ittra qed tintbagħat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u senjatament a tenur tal-Ordinanza Dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u sservi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjest mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu timxu

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Therefore, by this letter the interpellant solicits you so that by not later than ten (10) days from the date of this letter, you come forward for the payment of all the damages suffered as a result of the accident de quo in the total amount of €428.01. Failing to do so, be advised that further court proceedings will be instituted against you without further notice.

This letter is being sent for all intents and purposes of law and in particular in accordance with the Motor Vehicles Insurance (Third Party Risks) Ordinance (Cap. 104 of the Laws of Malta) and serves to interrupt the prescription and is therefore required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves

With costs and interest

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

673

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-15 ta' Marzu. 2023, fuq talba ta' Johan sive John Farrugia et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu fl-atti taċ-ċedola numru 485/2023 fl-ismijiet Johan sive John Farrugia et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 485/2023 fl-ismijiet Johan sive John Farrugia, bin Carmelo Farrugia u Maria Vittoria Farrugia née Farrugia, imwieled Tas-Sliema fis-7 ta' Novembru, 1960, flimkien ma' martu Josephine sive Josella Farrugia, bint Saviour Camilleri u Josephine Camilleri née Abela, imwielda Ħ'Attard fit-30 ta' Lulju, 1962, it-tnejn residenti 39, Tigné Place, Flat 401, Triq Tigné, Tas-Sliema (KI 725860M u 483462M rispettivament) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu tal-familja Apap Bologna, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2023, fejn Johan sive John Farrugia et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti jippossjedu l-fond bin-numru 15, Saint John Street, Il-Belt Valletta, liema fond għandu bieb ieħor

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 15th March, 2023, following a request by Johan sive John Farrugia et vs Deputy Curators to represent the successors in title in the records of the schedule of deposit number 485/2023 in the names Johan sive John Farrugia et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 485/2023 in the names of Johan sive John Farrugia, son of Carmelo Farrugia and Maria Vittoria née Farrugia née Farrugia, born in Tas-Sliema on the 7th November, 1960, together with his wife Josephine sive Josella Farrugia, daughter of Saviour Camilleri and Josephine Camilleri née Abela , born in Ħ'Attard on the 30th July, 1962, both residing at 39, Tigné Place, Flat 401, Triq Tigné, Tas-Sliema (ID 725860M and 483462M respectively) vs Deputy Curators to represent the successors in title of the Apap Bologna family, filed in the First Hall of the Civil Court on the 13th March, 2023, the applicants Johan sive John Farrugia et respectfully submitted:

That the applicants possess the premises with number 15, Saint John Street, Valletta, which premises has another door

f'Saint Paul Street, Il-Belt Valletta bin-numru 47, inkluż ukoll il-basement tal-istess fond, kif suġġett għar-rata ta' ċens annwu u perpetwu ta' €1.23 eqwivalenti għal Lm0.52,5 immarkata bl-aħmar fuq is-site plan li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A u dan kif aħjar deskritt fl-att ta' bejgħ ippubblikat min-Nutar Dott. Victor John Bisazza fit-13 ta' Marzu, 1986, Dok. B, dan il-fond huwa residenzjali;

Illi fl-att preċedenti ppubblikat min-Nutar Dott. Joseph Cachia fit-13 ta' Jannar, 1963, Dok. C, hemm indikat illi ċ-ċens jitħallas lill-familja Apap Bologna;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom bis-saħħa tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili u jifdu dan iċ-ċens u illi għalhekk jammonta għal €24.60.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbl Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' €31.98 rappreżentanti l-imsemmi ammont ta' €24.60 prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-immobbli fuq imsemmija, €1.23 ħlas ta' lawdemju u €6.15 arretrati ta' ħames (5) snin, sabiex jiġi mogħti liberament lis-sidien wara li titħalla d-debita riċevuta.

Esponenti: 39, Tigné Place, Flat 401, Triq Tigné, Tas-Sliema

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, 197, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

